*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,950, 8 ta' Marzu, 1988*

*Taqsima C*

# Nru. 29

8. 3. 88

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli George Bonello Dupuis, M.P., Ministru tal-Finanzi u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-2 ta' Marzu, 1988.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.**

P. Muscat Terribile
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable George Bonello Dupuis, M.P., Minister of Finance and read the First time at the Sitting of the 2nd March, 1988.

**AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1976.**

P. Muscat Terribile
*Acting Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att Nru. XXV ta' l-1976.

**2.** Minflok l-intestatura numru 01.02 li hemm fl-Ewwel Kolonna u minflok il-figuri u kliem rispettivament għalihom fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu rispettivament l-intestatura murija fl-Ewwel Kolonna u l-figuri u kliem relattivi murijin fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni ta' hawn taħt: Emenda ta' l-intestatura numru 01.02 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

| | L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|---|
| "01.02 | Annimali ħajjin ta' l-ispeċi tal-bovini: | | |
| | (A) Barrin li jiżnu mhux aktar minn 300 Kg .. | Lm2.00,0 ir-ras | Lm1.30,0 ir-ras |
| | (B) Barrin li jiżnu aktar minn 300 Kg .............. | Lm3.00,0 ir-ras | Lm1.95,0 ir-ras |
| | (Ċ) Oħrajn ......... | 10 | 6.5 |

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| Nota: Annimali għal skopijiet ta' trobbija b'ċertifikati tar-razza u saħħa għas-sodisfazzjon tad-Direttur tal-Biedja ................. | 0 | 0". |

Emenda ta' l-intestatura numru 02.01 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok l-intestatura numru 02.01 li hemm fl-Ewwel Kolonna u minflok il-figuri u kliem rispettivament għalihom fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu rispettivament l-intestatura murija fl-Ewwel Kolonna u l-figuri u kliem relattivi murijin fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna | Ir-Raba' Kolonna |
|---|---|---|---|
| "02.01 Laħam u fdalijiet li jittieklu ta' l-annimali li jaqgħu fl-intestaturi Nri. 01.01, 01.02, 01.03 jew 01.04, friski, imkesskin jew tal-friża: | | | |
| (A) Laħam u fdalijiet li jittieklu ta' l-annimali li jaqgħu fl-intestatura Nru. 01.02: | | | |
| (1) Karkassi, nofs karkassi u rbiegħ kompensattivi ta' annimali adulti | Lm3.33,0 kull 100 Kg. | Lm3.33,0 kull 100 Kg. | Nota għal TN 02.01 (A)(1): "Rbiegħ kompensattivi" ifissru rbiegħ ta' quddiem u rbiegħ ta' wara li jkunu impurtati fl-istess ħin u f'numri ndaqs. |
| (2) Rbiegħ ta' wara, magħdudin qatgħa pistola, ta' annimali adulti | Lm4.50,0 kull 100 Kg. | Lm4.50,0 kull 100 Kg. | |

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna | Ir-Raba' Kolonna |
|---|---|---|---|
| (3) Laħam ta' annimali adulti; maġġura mingħajr għadam, luċerto, flett tal-kustilja u kustilja bla flett eskluż laħam tal-lewn tipiku ċar tal-vitella ..... | Lm12.00,0 kull 100 Kg. | Lm12.00,0 kull 100 Kg. | |
| (4) Oħrajn .... | Lm2.00,0 kull 100 Kg. | Lm2.00,0 kull 100 Kg. | |
| (B) Oħrajn ......... | Lm2.00,0 kull 100 Kg. | Lm2.00,0 kull 100 Kg.". | |

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex iżid ir-rata ta' dazju ta' importazzjoni fuq barrin u fuq ċertu laħam impurtat sabiex jiġu protetti l-produtturi lokali ta' l-annimali.

# A BILL
## entitled

*AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1976*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

1. This Act may be cited as the Import Duties (Amendment) (No. 2) Act, 1988 and shall be read and construed as one with the Import Duties Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act".

Act No. XXV of 1976.

Amendment of heading number 01.02 of the First Schedule to the principal Act.

2. For heading number 01.02 in the First Column and for the figures and words in respect thereof in the Second and Third Columns in the First Schedule to the principal Act, there shall be be substituted respectively the heading shown in the First Column and the relative figures and words shown in the Second and Third Columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "01.02 Live animals of the bovine species: | | |
| (A) Oxen weighing not more than 300 Kg ......... | Lm2.00,0 per head | Lm1.30,0 per head |
| (B) Oxen weighing more than 300 Kg ............. | Lm3.00,0 per head | Lm1.95,0 per head |
| (C) Other .......... | 10 | 6.5 |

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| Note: Animals for breeding purposes accompanied by pedigree and health certificates to the satisfaction of the Director of Agriculture | 0 | 0". |

Amendment of heading number 02.01 of the First Schedule to the principal Act.

**3.** For heading number 02.01 in the First Column and for the figures and words in respect thereof in the Second and Third Columns in the First Schedule to the principal Act, there shall be substituted respectively the heading shown in the First Column and the relative figures and words shown in the Second and Third Columns hereunder:

| First Column | | Second Column | Third Column | Fourth Column |
|---|---|---|---|---|
| "02.01 | Meat and edible offals of the animals falling within heading Nos. 01.01, 01.02, 01.03 or 01.04, fresh, chilled or frozen: | | | |
| | (A) Meat and edible offals of the animals falling within heading No. 01.02: | | | |
| | (1) Carcasses, half carcasses and compensated quarters of adult animals .... | Lm3.33,0 per 100 Kg. | Lm3.33,0 per 100 Kg. | Note to TN 02.01 (A)(1): "Compensated quarters" mean forequarters and hind quarters imported at the same time and in equal numbers. |
| | (2) Hind quarters, including pistol cuts, of adult animals ........ | Lm4.50,0 per 100 Kg. | Lm4.50,0 per 100 Kg. | |

| First Column | | Second Column | Third Column | Fourth Column |
|---|---|---|---|---|
| | (3) Meat of adult animals: cuberolls, eyerounds, tenderloins and striploins excluding meat with the typical light colouring of veal... | Lm12.00,0 per 100 Kg. | Lm12.00,0 per 100 Kg. | |
| | (4) Other ...... | Lm2.00,0 per 100 Kg. | Lm2.00,0 per 100 Kg. | |
| (B) | Other ....... | Lm2.00,0 per 100 Kg. | Lm2.00,0 per 100 Kg.". | |

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to increase the rate of import duty on bulls and certain imported meats so as to protect local breeders of cattle.